MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 324/2004

Kawza fil-lista: 31

**Edward Bencini, kemm f' ismu proprju, kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Edward Bencini & Associates kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija B&C Ltd.**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati b' digrieti tal-31 ta' Mejju 2004 u tas-19 ta' Jannar 2005, sabiex jirrapprezentaw lill-kumpanija estera Alterra Enterprises Ltd ta' 11 Pilgrim Street, London EC4V 6RN**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi l-attur fil-kwalita tieghu premessa kien fuq talba tal-kumpanija konvenuta wettaq diversi xogholijiet u servizzi in konnessjoni mal-offerta li l-istess konvenuta kienet, flimkien ma ohrajn, ghamlet ghall-ghoti ta’ tender ghall-bejgh ta’ ishma fil-kumpanija Malta International Airport plc. Dawn ix-xogholijiet kienu jinkludu fost l-ohrajn xogholijiet in konnessjoni ma process ta’ due diligence; pjanti, studji u presentazzjonijiet maghmula mill-atturi fuq talba tal-konvenut, kif ukoll l-atturi inkorrew, bil-konoxxenza tal-istess konvenuti, diversi spejjez ghall-beneficcju tal-konvenuti;

U billi l-partijiet kienu ftiehmu, li l-atturi kellhom jithallsu ghas-servizzi taghhom bl-ghotja lilhom ta’ ishma f’kumpanija li kellha tigi ffurmata bejn il-partijiet u persuni ohra u dan f’kaz ta’ success fl-ghoti tat-tender; il-ftehim in kwistjoni kien gie inkorporat f’Memorandum of Understanding tad-19 ta’ Novembru 2001 mal-partijiet u partners ohra lokali;
U billi l-kumpanija konvenuta kienet sussegwentement eskludiet lill-atturi mill-offerta li finalment saret u b’hekk irrepudjat unilateralment il-ftehim milhuq kif fuq premess;

U billi l-kumpanija konvenuta uzufruwiet u bbenifikat mix-xogholijiet u spejjez maghmula mill-atturi kif fuq jinghad u filfatt tefghu l-offerta taghhom ghall-ghotja tat-tender premessa;

U billi l-kumpanija konvenuta ghandha thallas lill-atturi tax-xogholijiet u spejjez premessi;

U billi l-konvenuti baqghu, ghalkemm interpellati ghall-hlas, qatt ma hallset ghas-servizzi li nghataw lilhom kif premessi u anzi qieghda tichad li l-atturi ghandhom dritt li jithallsu;

U billi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tillikwida il-prezz tax-xogholijiet u servizzi moghtija lill-konvenuti kif ukoll tal-ispejjez inkorsi mill-attur a beneficcju tal-konvenuti kif fuq premess;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma kif likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk konnessi mat-talba ghall-hatra tal-kuraturi u tal-ittra ufficjali pprezentata qabel din il-kawza u ta' kull att kawtelatorju sussegwenti u bl-imghaxijiet mill-10 ta' Mejju 2002;

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkunu edotti minn dawn il-fatti;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi rrizulta nkontestat li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lill-atturi sabiex jaghmlu diversi xogholijiet u servizzi professjonali in konnessjoni mal-offerta li l-istess konvenuta kienet ghamlet ghall-ghoti ta' tender ghall-bejgh ta' ismha fil-kumpanija Malta International Airport plc.

Illi inizjalment il-partijiet kienu ftehmu li l-hlas lill-atturi ghas-servizzi rezi lilhom, f' kaz ta' success fl-ghoti tat-tender, kellu jkun l-ghoti ta' ishma f' kumpanija li kellha tigi ffirmata bejn il-partijiet u persuni ohrajn; izda s-socjeta' konvenut kienet eventwalment eskludiet lill-atturi mill-offerta li saret u b' hekk "irrepudjat unilateralment" il-ftehim milhuq.
Illi l-principju li ghandu jipprevali huwa omnia labor optat premium, u ghalhekk hija lecita t-talba tal-attur ghal-hlas tas-servizzi professjonali rezi minnu u spejjez maghmula

fl-esekuzzjoni ta' l-appalt moghti lilu, u li minnhom uzufruwiet is-socjeta' konvenuta meta tefghet l-offerta taghha ghall-ghotja tat-tender.

Illi dawn ix-xogholijiet u spejjez jinsabu dettaljatament indikati fid-dokument a fol.46 et seq. tal-process, u jinsabu sostnuti mill-attur kif ukoll mix-xhieda mressqa minnu, u cioe' il-Periti Ivan Buttigiet u Elena Borg Costanzi kif ukoll in-Nutar Dottor Pierre Attard.   L-ammont globali pretiz mill-attur nomine huwa ta' Pds. Stg.47,9275

Illi l-fatti premessi sostnuti mill-attur ma gew kontrastati bl-ebda mod minn naha tas-socjeta' konvenuta, u jsibu sostenn fil-provi dokumentali u xhieda.  Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghax-xogholijet u servizzi moghti minnu u spejjez inkorsi minnu, kif fuq indikat, fl-ammont ta' seba u erbghin elf, mitejn hamsa u sebghin liri sterlini [Stg.47,275]; u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur l-ekwivalenti fi flus maltin ta' din is-somma ta' Stg.47,275, skond ir-rata vigenti fid-data ta' dan il-gudizzju; flimkien mal-imghax kif mitlub. L-ispejjez kollha a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------